**KUNSILL LOKALI IR-RABAT (KLR)**

**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU DISGĦA U TMENIN (89)**

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2018 fis-7.00 pm** Data u ħin

**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

******* Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur Charles Azzopardi u bdiet mingħajr il-kunsillieri is-Sur Stephen Borg, is-Sur Ian Vassallo u s-Sur Peter Paul Azzopardi.

**89.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġija** Qari tal-ittri ta' apoloġija

89.01 Ittri tal-apoloġiji ma kienx hemm.

**89.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta Numru 88**

Approvazzjoni tal-Minuti numru 88

Kienu kkunsidrati u approvati b'vot unanimu l-minuti tas-seduta numru 88 proposti minn mis-Sindku u ssekondati mill-Viċi Sindku.

**89.03 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrativ tal-Baħrija tas-seduti numri 50 u 51;**

Approvazzjoni tal-Minuti numru 50 tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija.

Kienu kkunsidrati u approvati b'vot unanimu l-minuti tas-seduti numi 50 u 51 tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija wara li kienu proposti mis-Sindku u ssekondati mis-Sur Andrew Mallia.

**** Is-Sur Peter Paul Azzopardi daħal għal-laqgħa fis-7.10pm.**

**89.04 Komunikazzjoni mis-Sindku:**

89.04.01 **Għotja ta' skultura lil poplu Rabti mil-qraba tal-mibki Frans Galea fl-okkażjoni tal-25 sena mill-mewt tiegħu;**

Għotja ta' skultura tal-mibki is-Sur Frans Galea

Is-Sur Charles Azzopardi nforma lill-kunsillieri illi ltaqa' mal-familjari tal-mibki is-Sur Frans Galea, skultur Rabti prominenti u dawn infurmawh illi xtaqu jirregalaw biċċa skultura li għandha titpoġġa fejn l-Iskola Primarja tar-Rabat. Il-proposta tas-Sur Charles Azzopardi kienet issekondata mis-Sur Nazju Cassar u se nitolbu lill-Perit tal-Kunsill sabiex napplikaw b'DNO biex ikun hemm il-permess tal-PA ħalli ssir kommemorazzjoni qasira f'għeluq il-25 sena minn mewtu.

89.04.02 **Xogħlijiet ta' pavimentar proposti għal Triq il-Kbira u l-Pjazza tas-Saqqajja;**

Pavimentar fi Triq il-Kbira u s-Saqqajja

Is-Sindku qal illi fid-dawl illi l-KLR jinsab f'qagħada finanzjarja tajba u qed ikun hemm diversi lmenti ta' persuni li qed jaqgħu fil-pavimentar tal-bankini ta' Triq il-Kbira u l-Pjazza tas-Saqqajja, jipproponi li dan isir mill-ġdid. Din il-proposta kienet issekondata mis-Sur Nazju Cassar filwaqt li s-SE diġa' mar fuq is-sit mal-Perit Leonard Spiteri għall-Perit Charles Buhagiar. Il-kunsillieri qablu mal-proposta kif ukoll biex jgħaddi d-dawl tat-toroq minn taħt il-pavimentar. Il-proposta ta' *concrete print* kienet skartata mill-perit peress li dan hu materjal aktar inferjuri mill-ġebla żonqrija u dik tal-lava li huma preżenti f'dawn is-siti. Infatti l-ideja kienet illi dan il-pavimentar jinqala' u jerġa' jitpoġġa u ovjament jinxtraw konsenja ta' materjal bħalu biex dak l-imkisser jerġa' jitpoġġa b'madum sħiħ. Biex isir dan, se jkollhom joħorġu it-tenders ħalli x-xogħol ikun kopert skont il-liġijiet tal-*Procurement.*

**89.04.03 Pubblikazzjoni dwar il-laqmijiet Rabtin;**

Pubblikazzjoni

Is-Sindku ippropona li ssir publikazzjoni dwar il-laqmijiet Rabtin. Dan hu wirt kulturali li jagħti identita' lir-Rabtin kollha u riċerka f'dan il-qasam tiswa' mitqlu deheb. Is-Sjra Doris Coleiro issekondat u l-proposta għaddiet unanimament.

**89.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

89.05.01 Dwar il-*Memorandum of Understanding mal-Green Isles Ltd*, is-SE qal illi qed ikunu proposti laqgħat għal setturi speċifiċi. Infatti f'Jannar hemm maħsub illi ssir laqgħa għal produtturi tal-għasel u t-tkabbir tan-naħal. MOU ma Green Isles Ltd

89.05.02 Issemmiet ukoll l-inizjattiva li ħa l-KLR dwar id-dwal tal-Milied fuq is-Saqqajja. Dawn intlaqgħu tajjeb u għas-sena d-dieħla hu maħsub li tintrama' wkoll in-niċċa ta' San Pawl. Dwar tal-Milied

89.05.03 Is-Sindku semma' l-laqgħa li kellna dwar proposta ta' xiri ta' ktieb b'risq il-*Community Chest Fund.* Hu ppropona illi jinxtraw numru ta' kotba skont il-limitazzjonijiet tal-liġi tal-*procurement* fejn tidħol *direct order* fuq il-Belt Valletta li qed jinbiegħu €80–il wieħed. Is-Sur Nazju Cassar issekonda u din għaddiet unanimament. Malta Community Chest Fund

**89.06 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 287 u *Works Order* 6;** Ċedola tal-Pagamenti u tal-Works Orders

Is-Sra Doris Coleiro ipproponiet iċ-ċedola tal-pagamenti u dik tal-Works Orders u issekonda s-Sur Andrew Mallia. Il-KLR apoprova dawn il-pagamenti unanimamen filwaqt li s-SE ġibed l-attenzjoni illi l-pagament tas-Sur Wilson Mifsud dwar il-ġbir tal-iskart ma kienux ċertifikati mill-*Contract Manager.* Il-KLR se jikteb lill-kuntrattur filwaqt li se nirrevedu s-sitwazzjoni fil-kont ta' Diċembru.

**89.07 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport tas-*Selection Panel* – RLC/T/0173/2018 *Tender for Professional Services of an Architect to the Rabat (Malta) Local Council.*** Tender tal-Perit

89.07.01 Il-Kunsill ikkonsidra r-rapport tal-board u qabel mal-għażla tal-board u l-kuntratt se jingħata lill-orħos bidder. Is-Sindku ippropona u is-Sur Nazju Cassar issekonda. Il-vot kien jaqra kulħadd favur minbarra is-Sur Andrew Mallia.

**** Fis-7.25pm daħlu għal-laqgħa is-Sur Ian Vassallo u ħarġet is-Sra Doris Coleiro.**

**89.08 Konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Offerta tal-*Qtugħ tal-ħaxix ħażin fiz-zona rurali* lit-tielet l-aktar kuntrattur vantaġġjuż wara li l-ewwel u t-tieni wieħed irrifjutaw l-offerta.** Tender tal-Qtugħ tal-ħaxix ħażin

89.08.01 Ippropona is-Sindku u ssekonda is-Sur Peter Paul Azzopardi u l-KLR approva unanimament li l-offerta tal-Qtugħ tal-Ħaxix Ħażin jeħodha it-tielet l-orħos kuntrattur, dejjem skond ir-rakkomandazzjoni tal-Board tal-Għażla.

**89.09** **Biex jinħatru l-membri tal-*Opening Staff* u l-*Evaluators* tal-offerta pubblika RLC/T/0174/2018 *Service Tender for the Collection of Household Waste from the locality of Rabat (Malta), using low emission vehicles;*** Tender tal-Ġbir tal-Iskart bieb bieb

Il-KLR ippropona illi japponta lis-Sna Fabienne Vassalllo u s-Sna Shirley Cardona bħala *opening staff* u lis-Sur Kenneth Brincat bħala Ċerperson tal-Board u l-membri Dr Mark Fenech Vella, is-Sur Paul Bugeja u s-Sur Christopher Falzon.

**89.10** **Talba mil-ġar tal-Kunsill biex l-ilma tal-bejt jgħaddi minn ġo kamra tal-bejt tal-Kunsill minflok kif inhu preżentament, minn fuq terzi (ġust);** Devjazzjoni tal-istorm water tal-bini muniċipali.

It-talba mill-ġar tal-uffiċini tal-KLR biex l-ilma tal-bejt jgħaddi minn ġewwa tal-premises tagħna kienet ikkunsidrata. Hawn intqal illi l-KLR se jitlef il-ġust bħalma kien intilef meta kienet ingħalqet tieqa saħansitra fit-toilet fis-sular t'isfel. Peter Paul Azzopardi qal illi hu importanti illi jiftehmu iż-żewġ persuni li għandhom l-ilma tal-bejt tal-KLR jaqleb għal fuq il-propjeta' tagħhom.

** **Is-Sur Stephen Borg daħal għal-laqgħa fis-7.40pm.**

**89.11** ***Disposal* ta' *monitor u printer* (Tneħħija mill-*Fixed Asset Register*);** Tneħħija mir-reġistru tal-fixed assets

Is-Sindku, is-Sur Charles Azzopardi ippropona u kien issekondat mil-kunsillier is-Sur Rudolph Grima. Il-kunsillieri kienu unanimi f'dan kollu peress li dan l-apparat hu antik ħafna.

**89.12** **Environmental Planning Statement - Demolition of existing licenced explosive factory and redevelopment into a Eco Spa and Resort Class 3A, development include excavation of site for accomodation of facilities at Pulvic Expolsive Factory, off Triq il-Qaws, Dingli, il-Qaws, Rabat PA 05732/17** Lukanda fil-Qaws

Is-SE ġab kopja ta' dan l-EPS u kien hemm diskussjoni dwar l-impatt negattiv li se tħalli din il-Class 3A hotel minkejja li se tkun qed tilqa' Agri Turiżmu fit-22 kamra. Il-KLR ikkonkluda illi se jkun hemm disturb fl-inħawi speċjalment fuq l-agrikoltura, il-flora u l-fauna f'zona ta' sbuħija naturali. Se jintbagħtu l-oġġezzjonijiet tagħna lill-PA f'dan is-sens.

**89.13** **L-oġġezzjoni tal-Kunsill għall-bini ta' Lukanda fuq is-Saqqajja (għal Vjal Santu Wistin)** Lukanda fuq is-Saqqajja

Dan l-item kellu jkun diskuss aktar kmieni permezz ta' e-mail għaliex id-data tal-għeluq tal-oġġezzjonijiet kienet qabel dik tal-laqgħa tal-KLR. Il-Kunsill issa hu *a registered objector* filwaqt li s-Sindku qal li ma setgħax ikun preżenti għal-laqgħa li nżammet fil-kunvent ta'Santu Wistin fejn kien suġġerit li tintbgħat petizzjoni kontra dan l-iżvilupp deskritt li se jeqred it-tessut tar-Rabat u l-Imdina. Il-KLR hu unanimu dwar l-oġġezzjoni ta' din l-applikazzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| **89.14** | **Laqgħa pubblika tal-lokalita' inkluż dik tal-Baħrija u Tal-Virtu';** | Laqgħa pubblika |
| | Kien deċiż illi ssir laqgħa pubblika waħda għar-residenti tar-Rabat, il-Baħrija u Tal-Virtu siegħa qabel il-laqgħa li jmiss. | |
| **89.15** | **Estimi Finanzjarji 2019 – Proposti;** | Proposti għall-Budget 2019 |
| | Il-proposti għall-proġetti kapitali tal-KLR għas-sena 2019 huma dawn: Il-pavimentar tal-bankina fi Triq il-Kbira, il-pavimentar tas-Saqqajja inkluż id-dwal tat-toroq, id-dwal tal-Pjazza tal-Parroċċa u l-proġetti li l-KLR kien diġa' kkommetta ruħu fuqhom bħal dak tat-tisqif tal-iskavi ta' Triq Santa Rita u l-bini mill-ġdid tal-ġnien ta' Bir Iljun. Aktar tard fil-laqgħa kien deċiż illi jsir *refurbishment* tal-latrina ta' Triq Santa Rita, u t-tħaddim tal-lift mill-ġdid taċ-Ċentru Ċiviku. | |
| **89.16** | **Mozzjoni – Biex teħel lampa tad-dwal tat-triq ġdida fi Triq in-Namura k/m Triq il-Fiera, Il-Baħrija;** | Lampa ġdida |
| | Il-mozzjoni mressqa mis-Sur Andrew Mallia li kienet issekondata mis-Sur Nazju Cassar, għaddiet unanimament. | |
| **89.17** | **Mozzjoni – Biex jerġa' jibda' jaħdem il-*lift* taċ-Ċentru Ċiviku tar-Rabat għall-poplu kollu Rabti;** | Lift taċ-Ċentru Ċiviku |
| | Il-mozzjoni mressqa mis-Sur Nazju Cassar li kienet issekondata mis-Sindku, għaddiet unanimament. | |
| **89.18** | **Mozzjoni – Biex jinbidlu l-aċċessorji tal-latrina pubblika ta' Triq Santa Rita;** | Refurbishment tal-latrina Pubblika ta' Santa Rita |
| | Il-mozzjoni mressqa mis-Sur Nazju Cassar li kienet issekondata mis-Sindku, għaddiet unanimament, b'tibdil illi jirrifletti ir-*refurbishment* tal-latrina kollha u l-possibilita' li tkun devoluta lill-KLR. | |
| 89.19 | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** | Tmiem |
| 88.19.01 | Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-15 ta' Jannar 2019, fis-7.00pm filwaqt li fis-6.00pm se tinżamm il-laqgħa pubblika fl-istess post. Din il-laqgħa ntemmet fit-8.15pm. | |

| | | |
|---|---|---|
| | **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| Magħmula minn | Anthony Bonello u approvati llum 15/1/19 minn | Charles Azzopardi |
| | Segretarju Eżekuttiv | Sindku |